**Nru. 618**

**ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)**

**Żieda ta' Ġonna Pubbliċi fl-Iskeda tal-Ordinanza**

Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 3(2) tal-Ordinanza dwar l-għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34), il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli l-Ambjent u Tibdil fil-Klima qed iżid fl-iskeda tal-imsemmija Ordinanza, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq u tal-Barrakka ta' isfel.

Is-17 ta' Ġunju, 2016

**No. 618**

**PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)**

**Inclusion of Public Gardens in the Ordinance Scheme**

In accordance with the provisions laid down in article 3(2) on the closure of Public Gardens Ordinance. (Cap 34), the Minister for Sustainable Development, Environment and Climate Change is including in its schedule of the mentioned Ordinance, the Upper Barrakka and Lower Barrakka Gardens.

17th June, 2016

**Nru. 619**

**AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI (ERA)**

**Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali**

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (S.L. 549.46), u minħabba li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' Studju Dwar l-Impatt Ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Referenza: TRK163401
Lokalità: Marsa Government Garage, Triq Troubridge c/w, Triq il-Biċċerija, Marsa, Malta
Proposta: Twaqqigħ ta' strutturi eżistenti inkluż żarmar u r-rimi ta' materjal li fih l-asbestos.

Numru ta' Referenza: TRK163969
Lokalità: Marsa Government Garage, Triq Troubridge c/w, Triq Il-Biċċerija, Marsa, Malta

**No. 619**

**ENVIRONMENT AND RESOURCES AUTHORITY (ERA)**

**Notification of Exemption from Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (S.L. 549.46) with respect to the application mentioned hereunder and in view of the fact that the Environment and Resources Authority has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS) would not add any new information and the Environment and Resources Authority has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the Project Description Statement (PDS) and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: TRK163401
Location: Marsa Government Garage, Triq Troubridge c/w, Triq il-Biċċerija, Marsa, Malta
Proposal: Demolition of existing structures including the dismantling and disposal of asbestos containing materials.

Reference Number: TRK163969
Location: Marsa Government Garage, Triq Troubridge c/w, Triq Il-Biċċerija, Marsa, Malta

Proposta: Tħaffir għall-livelli meħtieġa u l-bini ta' Malta Carnival Experience inkluż workshops interattivi, parkeġġ, pjazza, *substation* u struttura għall-użi differenti li tikkonsisti f'mużew, ċentru awdjo viżiv, studjo għaż-żfin, kafetterija klassi 4D, spazju għall-amministrazzjoni, u ħanut tas- souvenir klassi 4B.

Dawn l-impatti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi fl-14 ta' Diċembru, 2015 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fid-19 ta' Mejju, 2016.

Proposal: Excavation to the required levels and construction of the Malta Carnival Experience including interactive workshops, parking area, piazza, substation and a multi-purpose structure consisting of Museum, Audio visual centre, dance rehearsal studio, class 4D cafeteria, administration spaces and a class 4B souvenir shop.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to the Environment and Resources Authority on 14th December, 2015 and the justification for the exemption from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 19th May, 2016.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impacts*** | **Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Ħolqien ta' skart | Ix-xogħlijiet proposti joħolqu riskju għas-saħħa assoċjat mat-tneħħija ta' materjal li jkun fih l-asbestos (ACM). Madankollu l-ebda impatt ambjentali sinifikanti mhu previst sakemm ix-xogħlijiet jkunu eżegwiti b'mod responsabbli u l-miżuri ta' prekawzjoni kollha jiġu strettament segwiti. It-tneħħija u t-trattament ta' ACM għandu jitwettaq skont ir-rekwiżiti tar-Regolamenti dwar Prevenzjoni u Tnaqqis ta' Tniġġis tal-Ambjent mill-Asbestos (L.S. 549.18), u r-rekwiżiti tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà Fuq il-Post tax-Xogħol. |
| *Waste generation* | *The proposed works pose a health risk associated with the removal of Asbestos Containing Material (ACM). Nevertheless no significant environmental impacts are envisaged provided that the works are executed responsibly and all the precautionary measures are strictly adhered to. The removal and handling of ACM is to be carried out in accordance with the requirements of the Prevention and Reduction of Environmental Pollution by Asbestos Regulations (S.L. 549.18), and the requirements of the Occupational Health and Safety Authority.* |
| Impatt fuq il-kwalità tal-arja | L-ebda impatti sinifikanti fuq il-kwalità tal-arja ma huma previsti fil-konsiderazzjoni tal-karatteristiċi eżistenti tal-madwar, u sakemm ikunu segwiti strettament l-miżuri kollha ta' prekawzjoni. Il-konformità mar-rekwiżiti mar-Regolamenti dwar L-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni, (L.S. 552.09) għandu jkun suffiċjenti biex jiġu kkontrollati l-emissjonijiet tat-trab waqt il-kostruzzjoni. L-operat huwa mistenni li jirriżulta f'żieda fit-traffiku massimu medju annwali ta' kuljum ta' 600, li jista' jżid il-konġestjoni tat-traffiku kumulattiv fil-madwar, filwaqt li t-tfixkil tat-traffiku matul il-festi tal-karnival huwa mistenni. |
| *Impact on air quality* | *No significant air quality impacts are envisaged in consideration of the existing characteristics of the larger area, and provided that all the precautionary measures are strictly adhered to. Compliance with the requirements of the Environmental Management Construction Site Regulations (S.L. 552.09) should be sufficient to suppress dust emissions during the construction phase. The operation phase is expected to result in an increased maximum annual average daily traffic of 600, which may exacerbate the cumulative traffic congestion in the wider area, whilst traffic disruptions during the carnival festivities are expected.* |
| Kuntest Viżwali | Filwaqt li ma huma previsti l-ebda impatt viżivi sinifikanti, huwa rrakkomandat li jiġu sottomessi photomontages biex jiġi esplorat iżjed ir-relazzjoni viżwali tal-proġett mal-kuntest kulturali tal-inħawi. |
| *Visual Context* | *Whilst no significant visual impacts are envisaged, it is recommended that photomontages are submitted exploring the visual relation of the project to the cultural setting of the surroundings.* |

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi żżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Is-17 ta' Ġunju, 2016

Notwithstanding the above, the Environment and Resources Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

17th June, 2016